MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2373/2002

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta Setembru 2002 fejn is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta erba mija u tnejn u disghin lira erbgha u sebghin centezmu (Lm492.74) rapprezentanti prezz ta servizz ta internet connectivity rezi lill-konvenut skond kif jirrizulta minn statement anness mmarkat Dok A;

Bl-ispejjes inkluzi inkluzi dawk tal-mandat ta qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma dan l-avviz u tal-ittra bonarja datata 27 ta Gunju 2002 u bl-imghax legali dekorribbli kontra l-konvenut.

Ra d-dokumenti esebiti mal-avviz a fol 2 u 3 tal-process;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-18 ta Novembru 2002 fejn giet kkontestata t-talba attrici.

Ra u ha konjizzjoni tan-nota ta riduzzjoni prezentata mis-socjeta attrici fid-19 ta' Frar 2003 fejn irriduciet it-talba ghas-somma ta Lm344.59**;**

Ikkunsidra;

Chris Calleja rapprezentant tas-socjeta attrici jghid fix-xhieda tieghu li l-konvenut kien jirrikmanda lis-socjeta attrici biex klijenti prospettivi jaghmlu uzu mis-servizzi li hija toffri u huwa jithallas commission fuq ix-xoghol li jaghmel. Jispjega li s-sistema kienet li hu jithallas direttament minnghand il-klijenti tieghi u wara jghaddi l-flus minnu migbura lis-socjeta attrici. Irrizulta li l-konvenut ma kienx qed ighaddi flus li huwa kien gabar minn ghand il-klijenti pero cio nonostante, l-istess klijenti xorta wahda baqghu jipprovdulhom is-servizz. Jispjega wkoll li l-ammont dovut gie mnaqqas peress li kien hemm klijenta partikolari li regghet halset lilna tas-servizz moghti nonostante li kienet gia halset lill-konvenut u dana peress li saret taf bil-problema li nqalghet bejnietna. Dan ix-xhud ikkonferma bil-gurament tieghu l-istatement esebit Dok A; Din is-sistema adoperata mis-socjeta attrici giet anke kkonfermata permezz tal-affidavit ta Claudia Caruana.

Il-konvenut jikkonferma li huwa kien reseller tas-socjeta attrici u li kien jithallas commission jew minn ghandha meta l-klijent jkun hallas lilha direttament jew jiehu l-commission hu stess meta jhallsu lilu. Meta gie muri l-istatement esebit a fol 3 tal-process li fuqu tinsab ibbazata dina l-kawza, il-konvenut ighid li ma jafx min hu is-sur John Bezzina li jinsab indikat bhal “user” fuq l-istess.

Illi mill-provi migjuba kif hawn fuq riprodotti ma tirrizultax b’mod soddisfacenti l-kontestazzjoni tal-konvenut. L-eccezzjoni minnu sollevata hija vaga hafna u ftit li xejn jitfa dawl fuq is-sustanza tal-kontestazzjoni permezz tax-xhieda tieghu hlief li ma jiftakarx min kienu l-klijenti. Mill-banda l-ohra, l-provi migjuba mis-socjeta konvenuta ma gewx tassew kontradetti fis-sustanza taghhom minn xi prova ohra.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u kwindi jikkundannah ihallas lill-istess socjeta attrici s-somma rikjesta kif ridotta fl-ammont ta tliet

mija u erbgha u erbghin lira disgha u hamsin centezmu (Lm344.59) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes ta dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------